**– ISTANZA TA' HADDIEM BIEX JITHALLAS GHAX-XOGHOL LI WETTAQ F'FOND –**
**– RAPPORT GURIDIKU –**
**– KONTRADITTUR LEGITTIMU –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

Gudikatur
**Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **317/2017**

**Saviour Grima** [K.I. 360079M]
**li jezercita l-kummerc f'isem Grima Interiors**

***VERSUS***

**Rennie Mangion** [K.I. 520281M], u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2018, it-Tribunal ordna li l-isem ta' "rennie Mangion" jigi korrett u sostitwit bl-isem ta' "Ronnie Mangion", **u Bree Miller** [K.I. 366308L] **u** Permezz ta' Digriet Datat 28 ta' Novembru, 2017 gie Kjamat in Kawza **Eugenio Philip Vassallo** [K.I. 239177M]

B'Avviz tat-Talba introdott fit-18 ta' Lulju, 2017, l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallas is-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500.00c) u dan wara li ppremettew hekk:

> Illi l-attur qieghed jitlob is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ghal xogholijiet li saru mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti fi proprjeta f'Haz Zebbug skond fattura ffirmata mill-partijiet, hawn anness u mmarkata bhala Dok A;
>
> Illi minkejja li l-konvenuti gew diversi drabi interpellati huma baqghu inadempjenti;
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali numru 1267/2016 li min issa qedghin jigu ingunti in subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut Ronnie Mangion ressaq Risposta fit-8 ta' Awissu, 2017 (*a fol*. 8) fejn eccepixxa hekk:

> Illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponent Ronnie Mangion lill-istess attur;
>
> Illi b'zieda mas-suespost jinghad illi fi kwalunkwe kaz, ix-xoghol ta' hidmet Saviour Grima tinsab fil-pussess u qed titgawda minn Eugenio Philip Vassallo ta' 10, Lantern Blues, Triq il-Kacca, Zebbug u ghalhekk kwalsiasi talba da parti ta' Saviour Grima ghandha tigi indirizzata lill-istess Eugenio Philip Vassallo;
>
> Illi ghladaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-kjamat in kawza Eugenio Philip Vassallo ressaq Risposta fl-14 ta' Dicembru, 2017 (*a fol*. 21) fejn eccepixxa hekk:

> 1. Illi preliminarjament l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur peress li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mieghu u dana stante li qatt ma nkariga lil-attur sabiex jaghmel ebda xogholijiet gewwa l-fond bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-first floor level u cioe t-tieni sular li jigi t-tielet livell ta' bini, formanti parti minn blokk ta' appartamenti minghajr numru ufficjali u li jgib l-isem Davigold fi Triq il-Qamh Zebbug;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba fil-konfront tal-esponenti hija preskritta ai termini ta' dak li jipprovdi
>
> 3. Illi kien il-konvenut l-iehor Renie Mangion li kien li inkariga lil-attur sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet u fil-fatt huwa hallas ukoll ghall parti l-kbira mill-kont li hemm esebit a fol 2 tal-process; u l-fatti kienu s-segwenti:
>
> > i. Il-konvenut Rennie Mangion u l-esponenti kienu fuq konvenju u ma waslux minhabba problemi mal-bank li kellu Rennie Mangion; huwa beda jordna u jaghmel xogholijiet fil-fond gosti tieghu ghax ried hu;
> >
> > ii. Illi l-konvenut Rennie Mangion kien baqa fil-fond mas-siehba tieghu u ma riedx jitlaq il-barra wara li skada il-konvenju;
> >
> > iii. Sussegwentement l-esponenti kellhu jaghmel kawza ta' zgumbrament u rebaha;

iv. Fil-mori tal-appell ir-rikorrenti u habibtu zgumbraw

v. Sussegwentement saret fil-kawza u l-konvenut pretenda li l-esponenti jkompli jiehu l-konsegwenzi tad-danni tal-konvenut li gab fuqu f'idejh stess meta ordna affarijiet ghall go proprjeta li la kienet tieghu u minghajr il-kunsens tal-esponenti;

4. Illi l-esponenti ma ghandux ibghati spejjez ta' dawn il-proceduri

Il-kjamat in kawza Eugenio Philip Vassallo, fuq ordni tat-Tribunal (ara l-verbal tas-17 'a' Jannar, 2018, *a fol.* 27) prezenta nota fit-2 ta' Frar 2018 (*a fol.* 28) li taqra hekk :

> Li permezz taghha, ai termini tal-verbal tas-17 ta' Jannar 2018, qieghed jindika l-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-artikolu specifiku tal-Ligi dwar it-terminu preskrittiv, u dan b'referenza lejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li diga inghatat fir-risposta tieghu indikata bhala eccezzjoni nru. 2.

Il-Tribunal iddikjara lill-konvenuta Bree Miller fi stat ta' kontumacja skont it-termini tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta fis-7 ta' Mejju, 2018 (*a fol.* 38) wara li rrizulta li minkejja li giet debitament notifikata l-istess Bree Miller ma ressqitx Risposta fl-atti tal-kawza fiz-zmien li trid u tghid il-Ligi, u wara li ma dehritx u lanqas ma deher xi rapprezentat u/jew difensur ghan-nom taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-kawza waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa mit-Tribunal waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2021 (*fol.* 85) u fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2021 (a *fol.* 87) il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni wara li d-difensuri tal-attur u tal-konvenut Rennie Mangion ghamlu is-sottomissjonijiet taghhom verbalment quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu deskritti b'dan il-mod : il-konvenuti kienu kkonkludew konvenju fid-9 ta' Gunju, 2014 permezz ta' liema Eugenio Philip Vassallo intrabat li jbiegh u jitrasferixxi lil Ronnie Mangion u Bree Miller li intrabtu

li jixtru u jakkwistaw l-appartament numru wiehed (1), Davigold, li jinsab fi Triq il-Qamh, Haz-Zebbug (Malta). Wara li sar dan il-konvenju, izda qabel ma sar il-bejgh finali, Mangion u Miller kisbu access ghall-fond minghand Vassallo, u bdew jokkupaw il-fond u jaghmlu spejjez fih.[1] Il-kuntratt finali ta' bejgh ma sar qatt. Peress li Mangion u Miller kienu qieghdin effettivament jghixu f'dan il-fond Vassallo kien intavola proceduri ta' zgumbrament kontra taghhom, u Mangion u Miller gew ordnati jizgumbraw mill-istess fond permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Dicembru, 2014.[2] L-attur jghid li Mangion kien qabbdu sabiex jaghmel xoghol ta' *gypsum,* li kien thallas ghalih, u imbaghad Mangion u Miller kienu ghazlu xi *fittings* tal-elettriku u kienu ftehmu li l-prezz totali ta €4,000 jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €1,000. Skont l-attur il-konvenuti kienu hallsu biss is-somma ta' €1,500 permezz ta' zewg pagament, wiehed ta' €1,000 u iehor ta' €500, u mbaghad ma hallsu xejn iktar.

Il-kjamat in kawza Eugenio Philip Vassallo eccepixxa preliminarjament li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza ghaliex m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

Dan it-Tribunal diga' kellu varji okkazzjonijiet biex jaffronta diskussjoni dwar il-prezenti tematika. Hawnhekk issir referenza ghar-riljevi l-aktar rilevanti mwettqa fid-decizjonijiet *in re* **Alfred Xerri v. Kevin Chircop et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018); **Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv noe** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018; konfermata fl-appell fil-25 ta' Jannar, 2019); **Elmo Insurance Ltd et v. Kunsill Lokali Pembroke et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 19 ta' Novembru, 2019) ; **Untours Insurance Agents Ltd noe v. Muriel Micallef et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta' Ottubru, 2019); u **Raymond Borg v. Vincent Vella et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Novembru, 2020). It-Tribunal jirreferi ghall-partijiet rilevanti misjuba f'tali decizjonijiet li ghandhom jghoddu wkoll ghal din is-sentenza.[3]

Wara li gharbel il-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal iqis li din l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza hija fondata. Mill-provi ma jirrizulta l-ebda ness guridiku bejn l-attur u l-kjamat in kawza. L-oggetti mixtrija minn Mangion u Miller minghand l-

---

[1] Ara s-sentenza moghtija fl-atti tal-kawza **Eugenio sive Eugenio Philip Vassallo vs Ronnie Mangion u Bree Lora Miller** (Prim'Awla, 2 Dicembru, 2014), *foll.* 44–45.

[2] Ara Dokument EPV1 a *fol.* 41.

[3] It-Tribunal jistieden ukoll li wiehed jara s-sentenza tal-istess Tribunal fl-ismijiet **Romina Mifsud vs Awtorita Ghat-Trasport f'Malta et** tal-31 ta' Novembru, 2021 ghall-elaborazzjoni dwar il-materja tar-rapport guridiku.

attur gew ordnati esklussivament mill-konvenuti Ronnie Mangion u Bree Miller. Il-fattura esebita *a fol.* 2, li fiha jinsab il-ftehim dwar il-pagamenti mensili li kellhom isiru, hija ffirmata minn Mangion u Miller biss u mhux ukoll minn Vassallo. Inoltre, l-attur ikkonferma fix-xhieda tieghu li hu qatt ma nnegozja ma' Vassallo izda biss ma' Mangion u Miller. Ma jirrizultax lanqas li Mangion u Miller kienu qed jidhru a nom jew in rapprezentanza ta' Vassallo. Mill-verzjoni tal-fatti spjegata mill-partijiet u l-provi li gew prodotti quddiemu, it-Tribunal jifhem li Mangion u Miller kienu xtraw l-oggetti in kwistjoni proprju ghaliex hasbu li huma kienu ser isiru s-sidien tal-proprjeta fil-futur prossimu, peress li kienu qieghdin fuq konvenju ma' Vassallo. Ghalhekk huwa car ghal dan it-Tribunal li l-konvenuti Mangion u Miller kienu xtraw dan l-oggetti minghand l-attur bil-hsieb li huma kienu qed jisperaw li kienu ser ikunu a beneficcju taghhom. Ghalkemm huwa l-proprjeta li fl-ahhar mill-ahhar baqghet tappartjeni lil Vassallo, it-Tribunal iqis li m'hemmx dubbju li Vassallo qatt ma kien parti materjali minn negozju konkluz bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tirrizulta fondata u Vassallo qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Stante l-liberazzjoni ta' Vassallo mil-harsien tal-gudizzju, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnu mqanqla m'hemmx htiega li tigi intrattenuta.

Sorvolata din il-materja preliminari, it-Tribunal sejjer idur issa sabiex jezamina l-mertu tal-pretensjoni attrici fir-rigward tal-bqija tal-konvenuti Mangion u Miller.

Bhala prova l-attur prezenta fattura (*a fol.* 2) li telenka l-materjal li kien inxtara mill-konvenuti ghal total ta' erbat' elef ewro (€4,000). Fuq din il-fattura gie indikat li din is-somma kienet ser tithallas permezz ta' erba pagamenti mensili, ta' €1,000 kull wiehed. L-istess fattura tindika li l-pagament ta' €1,000 li kellu jsir fil-31 ta' Awissu, 2014 kien thallas u saldat, filwaqt li l-pagament ta' €1,000 li kellu jsir fit-30 ta' Settembru, 2014 kien thallas biss nofsu. L-ebda pagament iehor ma jidher li sar skond din il-fattura.

L-attur xehed *viva voce* quddiem dan it-Tribunal waqt l-udjenza tal-20 ta' Gunju, 2018 u kkonferma bil-gurament tieghu li l-konvenuti Mangion u Milleri kellhom ihallsuh total ta' €4,000 u li minn din is-somma hallsu biss €1,500 u ghalhekk baqa' bilanc ta' €2,500. Il-konvenuti ghazlu li ma jaghmlux kontro-ezami tal-attur. Ezaminat ix-xhieda tal-attur mal-atti tal-kawza, it-Tribunal ma jsib xejn li jikkontradici x-xhieda tieghu u jpoggi fid-dubju il-veracità tal-verzjoni attrici.

It-Tribunal jinnota li l-konvenuti ftit li xejn iddefendew il-posizzjoni taghhom. Miller baqghet kontumaci, filwaqt li Mangion ma prezenta l-ebda prova in sostenn tal-posizzjoni tieghu hlief ghal sentenza moghtija kontra Eugenio Philip Vassallo mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2017 permezz ta' liema Vassallo instab hati tar-reat ta' *ragion fattasi* ghaliex kien biddel is-serratura tal-bieb tal-proprjetà in kwistjoni wara s-sentenza ta' zgumbrament msemmija aktar 'il fuq.

Id-difensur legali ta' Mangion ghazlet li ma taghmilx sottomissjonijiet finali, u ghalhekk qatt ma nghata ebda kuntest jew spjegazzjoni tal-prova li Mangion kien qieghed jipprova jaghmel bil-produzzjoni ta' din is-sentenza.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal is-sentenza esebita mill-konvenut m'hija ta' l-ebda relevanza f'dawn il-proceduri. Mhuwiex kontestat li l-proprjetà in kwistjoni qatt ma giet trasferita lil Mangion u Miller u ghalhekk kienet u ghadha proprjetà ta' Vassallo. Il-fatt mbaghad li Vassallo instab hati ta' *ragion fattasi* ghaliex ha l-ligi b'idejh biex jizgombrahom mill-proprjetà tieghu m'hijiex kwistjoni li tinfluwenza d-determinazzjoni ta' din il-vertenza, li titratta r-relazzjoni guridika ta' bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller u mhux kwalunkwe relazzjoni guridika li jista' jkun hemm bejn il-konvenuti.

Minn naha tieghu il-konvenut Mangion ma ressaq l-ebda prova hlief ghas-sentenza kontra Vassallo appena diskussa. Jidher li l-posizzjoni ta' Mangion hija principalment dik li l-proprjeta hija ta' Vassallo u ghalhekk kwalunkwe hlas ghandu jsir minn Vassallo ghaliex ser ikun hu li jibbenefika mill-oggetti ordnati minnhom. Pero, it-Tribunal diga kkonsidra aktar 'il fuq, li r-relazzjoni guridika tal-attur hija ma' Mangion u Miller u mhux ma' Vassallo, u ghal finijiet ta' din il-kawza huwa irrelevanti min hu s-sid tal-proprjeta. Jirrizulta li kienu Mangion u Miller li ghazlu u ordnat l-oggetti in kwistjoni minghand l-attur, u dan bil-hsieb li dawn ix-xogholijiet kienu ser ikunu ta' beneficcju ghalihom. Il-fatt li mbaghad il-kuntratt finali ma sarx u l-proprjetà baqghet ta' Vassallo ma tbiddel xejn mir-relazzjoni guridika ta' bejn l-attur u l-konvenuti Mangion u Miller, u hija kwistjoni li, *se mai*, trid tigi indirizzata u rizolta bejn il-konvenuti ma' Vassallo, indipendentement mill-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu it-Tribunal iqis li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa'

l-eccezzjoni preliminari ta' Eugenio Philip Vassallo u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' Ronnie Mangion, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lil Ronnie Mangion u Bree Miller ihallsu lill-attur solidalment bejniethom is-somma ta' elfejn u hames mitt ewro €2,500, bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika lilhom tal-Avviz tat-Talba.[4]

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, ghandhom jithallsu mill-konvenuti Ronnie Mangion u Bree Miller *in solidum* bejniethom.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[4] Mis-7 ta' April, 2018, u cioè meta giet notifikata Bree Miller bl-atti.